

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tartu Ringkonnakohus (l-Estonja) fil-5 ta' Diċembru 2012 — MTÜ Liivimaa Lihaveis vs Eesti-Läti programmi 2007-2013 Seirekomitee

(Kawża C-562/12)

(2013/C 38/18)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Qorti tar-rinvju

Tartu Ringkonnakohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: MTÜ Liivimaa Lihaveis

Konvenut: Eesti-Läti programmi 2007–2013 Seirekomitee (Kumitat ta' sorveljanza għall-Programm Estonjan-Latvjan 2007-2013)

Parti oħra fil-kawża: Eesti Vabariigi Siseministeerium (Ministru tal-Intern tar-Repubblika tal-Estonja)

Domandi preliminari

- (1) Regoli proċedurali ta' kumitat ta' sorveljanza stabbilit b'mod konġunt minn żewġ Stati Membri — bħalma huma l-Linji gwida tal-programm adottati mill-Kumitat ta' sorveljanza għall-Programm Estonjan-Latvjan 2007-2013 —, li jipprovdū li d-deċiżjonijiet ta' dan il-kumitat ta' sorveljenza ma jistgħu jiġu kkontestati quddiem ebda qorti [Punt 6.6(4) tal-Linji gwida tal-Programm: "The decisions of the Monitoring Committee are not appealable at any place of jurisdiction."], huma kompatibbli mal-Artikolu 63(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006⁽¹⁾, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?
- (2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv: L-inċiż (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Punt 6.6(4) tal-Linji gwida tal-programm adottati mill-Kumitat ta' sorveljanza għall-Programm Estonjan-Latvjan 2007-2013 huwa att tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni li għandu jiġi ddikjarat invalidu?
- (3) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv: It-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263, ikkunsidrata flimkien mal-Artikolu 256(1) u mal-Artikolu 274 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija l-qorti tal-Unjoni Ewropea li għandha ġurisdizzjoni tiddeċċiedi dwar ilmenti kontra deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' sorveljanza għall-Programm Estonjan-

Latvjan 2007-2013 jew hija l-qorti li hija kompetenti f'dan ir-rigward skont il-liġi nazzjonali li għandha din il-ġurisdizzjoni?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċċali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, p. 25).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal d'instance d'Orléans (Franza) fis-6 ta' Diċembru 2012 — BNP Paribas Personal Finance SA, Facet SA vs Guillaume Delmatti

(Kawża C-564/12)

(2013/C 38/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Tribunal d'instance d'Orléans

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: BNP Paribas Personal Finance SA, Facet SA

Konvenut: Guillaume Delmatti

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur⁽¹⁾, interpretat fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingūsti f'kuntratti mal-konsumatur⁽²⁾, jipprekludi l-eżistenza u l-applikazzjoni ta' klawżoli standard fil-kuntratti ta' kreditu, li jipprovdū għal rikonoxximent min-naħa tal-konsumatur tal-eżekuzzjoni ta' [dawk l-obbligi], mingħajr ma tipprodu quddiem il-qorti d-dokumenti li hija tkun ħarġet u għaddiet lill-persuna li ssellef?
- (2) Il-prinċipju ġenerali ta' effettività tad-dritt Komunitarju u l-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 2008/48/KE, jopponu li l-persuna li ssellef tkun tista' tistabbilixxi l-prova tal-obbligli prekuntrattwali u kuntrattwali tagħha sempliċement permezz ta' klawżoli standard inklużi f'kuntratti ta' kreditu, li jipprovdū għal rikonoxximent min-naħa tal-konsumatur tal-eżekuzzjoni ta' [dawk l-obbligi], mingħajr ma tipprodu quddiem il-qorti d-dokumenti li hija tkun ħarġet u għaddiet lill-persuna li tissellef?

⁽¹⁾ Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66).

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.